MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-12 ta' April, 2014

Numru. 377/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri )**

**vs.**

**Samer Mohammed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mohammed Samer ta' 46 sena iben Salah u Fatima xebba Soher, imwieled f'Damascus nhar it-8 ta' Awwissu 1969, u residenti gewwa Marsa Open Center, detentur tal-Karta tal-Identita numru: 13MH-040.

Akkuzat talli:

1. Nhar il-11 ta' April 2014 ghal habta tat-8:45 ta' filghaxija fi' Triq l-Arcisqof gewwa l-Belt Valletta, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt,

liema delitt ma ġiex esegwit minhabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 261(f), 281(a), 41(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

2. talli nhar il-11 ta’ April 2014 ghal habta tas-7:30 ta’ filghaxija minn gewwa stabbiliment Mohans sitwat fi’ Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta ikkometta serq ta’ diversi oggetti u dan ghad detriment ta’ Kishin Mohani bi ksur ta’ Arikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih jistghu jwasslu ghal piena massima ta’ wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega’ kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali nadifa ta’ l-imputat, ghalkemm ilu Malta biss mis-27 ta’ Settembru 2013 u l-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi l-imputat ghandu problema ta’ abbuz ta’ alcohol, u bhalissa ma jistghax jahdem ghax ghandu ferita f’saqajh.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(f), 281(a), 41(a) u, 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah

ghal piena karcerarja ta’ disa’ (xhur), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ tlett (3), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

A tenur ta’ l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zieda ma’ din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien tlett snin (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta’ Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta’ Supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------